# PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

# IMHALLEF

# ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tat-Tnejn, 28 ta' Jannar, 2002**

**Numru: 3**

**Citazzjoni Numru: 672/95 JF**

**Saviour Farrugia bhala ufficjal inkarigat mit-Taqsima Arretrati ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Telemalta u b'digriet ta' l-4 ta' Gunju 1999 l-isem tal-Korporazzjoni Telemalta nbidel ghal Maltacom plc.**

**vs**

**William Kind**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni ta’ l-attur nomine li biha premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi skond il-ftehim bejn il-kontendenti kif ukoll skond ir-regolamenti vigenti li jirregolaw l-uzu tas-servizzi moghtija mill-Korporazzjoni Telemalta, il-konvenut ghandu jaghti lill-attur noe is-somma ta’ Lm750.45 (seba’ mija u hamsin lira u hamsa u erbghin centezmi) bhala prezz ta’ servizz tat-telefon relattiv ghall-linja bin-numru 338738, u dan kif jidher mill-prospett esibit ma’ din ic-citazzjoni, u

Premess illi interpellat sabiex ihallas il-konvenut baqa’ inadempjenti.

Talab li ghalhekk dina l-Qorti:

Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur noe is-somma ta’ Lm750.45 dovuta minnu bhala prezz ta’ servizz tat-telefon relattiv ghall-linja bin-numru 338738, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat tal-ittra ufficjali datata d-29 ta’ Ottubru 1993 u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut William Kind fejn eccepixxa bir-rispett:

1. Illi t-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u bla ebda bazi ta' xejn;

2. Illi l-konvenut mhuwiex debitur ta' l-attur nomine fis-somma ta' Lm750.45,0 (seba' mija u hamsin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu) mitluba, kif ahjar deskritt fic-citazzjoni;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom, flimkien mad-dokumenti li gew esebiti;

Semghet lix-xhieda li giet prodotta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat li din hi kawza ghal hlas ta' Lm750.45 abbinata ma' servizz telefoniku bin-numru 338738 skond il-prospett esebit a fol. 5 tal-process mahrug mill-Korporazzjoni Telemalta illum maghrufa bhala Maltacom

plc. Il-konvenut jichad li ghandu jaghti xi ammont lill-attur nomine kif mitlub.

Saviour Farrugia ghan-nom tal-Korporazzjoni xehed li l-abbonat registrat kien il-konvenut pero' zied ukoll jghid li dan l-ammont kien gie kkontestat mill-utent konvenut, anzi jghid li korrispondenza in subjectum materia "hawn ittri kemm trid".

Tajjeb li jigi pprecizat li dan is-servizz ta' telefon ma kienx ikkollokat f'fond imma fuq "boat". Mistoqsi dwaru, l-attur nomine (fol.17) xehed hekk,

> *"Suppost (it-telefon kien) fuq il-boat. Issa meta ma jkunx hemm x'jigri, x'jaghmlu bih is-sett ma nafx ghax nahseb jaqilghuh is-sett, ma nafx".*

Fis-seduta tal-5 ta' Mejju 1997 (fol. 23) gie inter alia ivverbalizzat kif gej,

> *"Deher il-prokuratur legali Noel Scerri li ddikjara li hu sejjer permezz ta' nota fl-udjenza tal-lum jassumi l-atti tal-kawza ghall-Korporazzjoni Telemalta, minflok Saviour Farrugia u qed jitlob differiment fit-tul sabiex jirrintracca l-file relattiv".*

Min-naha tieghu, il-konvenut xehed in extenso dwar il-mod xejn ortodoss kif sehhet l-installazzjoni ta' dan l-apparat, u cjoe' f'kaxxa taht kantun tal-

gebel bil-"wire" jisporgi 'il barra u accessibbli minn barra b'certa facilita' ghal min irid jinqeda bih, anke abbuzivament. Fil-fatt il-konvenut xehed li, ftit taz-zmien wara li gie nstallat is-servizz, huwa mill-ewwel beda jircievi kontijiet ghal sejhiet li huwa ma kienx ghamel u allura mar mill-ewwel jirregistra ilment fejn cahad kategorikament li kien ghamel dawn is-sejhiet. Wara din id-depozizzjoni, il-konvenutipprezenta wkoll xhieda aktar dettaljata per via ta' affidavit (fol. 41 – 42) fejn rega' spjega il-pozizzjoni dwar l-installazzjoni tat-telefon u li hu qatt ma ghamel is-sejhiet li taghhom intalab hlas minghandu. Dawn id-deposizzjonijiet ma gewx kontradetti minimament. Il-Korporazzjoni ma jidhirx li rnexxielha tirrintraccja l-"file" relattiv. Ikkunidrat ukoll li l-konvenut mhux talli xehed li hu m'ghamilx is-sejhiet in kwistjoni imma talli rnexxielu jirrintraccja sahansitra min ghamilhom – ara Dok WK – a fol. 68 tal-process. Dawn huma sejhiet ghall-esteru komprendenti l-Ingilterra, l-Italja, l-Awstralja u wahda lokali.

Illi mis-suespost jirrizulta bla dubbju li l-imsemmija "calls" ma sarux mis-"subscriber" u li d-difett fl-installazzjoni kien attribwibbli lill-Korporazzjoni attrici. Illi m'hemmx dubbju kwindi li l-konvenut huwa ghal kollox iggustifikat li ma jhallasx dan il-kont kif premess fl-att tac-citazzjoni. Il-Korporazzoni attrici kienet ghal kollox konsapevoli ta' dak li gara u ma kellhiex raguni fondata li tharrek lill-konvenut dwar dawn is-sejhiet.

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tichad it-talbiet attrici kif dedotti bl-ispejjez gudizzjarji kontra l-Korporazzjoni attrici.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**

Deputat Registratur

md